MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 22/2011

**A B**
**vs**
**C D E C F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fis-14 ta' Mejju 2003; li l-kunsens matrimonjC tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut ma pprezenta l-ebda risposta;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentat;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjC fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-14 ta' Mejju 2003 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjC tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut ma pprezenta l-ebda risposta pero' huwa jikkuntesta n-nullita` ta' dana z-zwieg fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghat lill-attrici tiddeponi.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-14 ta' Mejju 2003 meta allura l-attrici kellha 26 sena u l-konvenut kellu 38 u kienu ilhom johrogu flimkien ftit tax-xhur biss. Fil-fatt il-partijiet izzewgu fix-xahar ta' Mejju u l-attrici tghid li huma ltaqghu ghal bidu ta' dik l-istess sena.

Illi l-attrici tghid li l-konvenut kien jahdem ma' huh hawn Malta u wara xi ftit taz-zmien johorgu flimkien kien qallha li "*jekk ma jizzewgux huwa kien ser jispicca jitkecca minn Malta ghCex kienet ser tiskadilu l-visa u kien qed jibza` li ma jgeddulux*"[1]. L-attrici ssostni li hija ma xtaqietx li l-konvenut jitkecca minn Malta ghalhekk kienu marru l-insinwa fejn izzewgu bir-Registru Pubbliku biss, izda li hija hasset illi ma kinitx tafu bizzejjed u ma kinitx certa minn dak li kienet qed taghmel.

Illi skont l-attrici <u>wara li zzewgu ma nbidel xejn</u> fis-sens li l-partijiet baqghu jghixu qishom kienu ghadhom gharrajjes "*Kif izzewgina bqajna nghixu l-istess hajja, jigifieri niltaqghu xi ftit kif konna naghmlu qabel. Pero' ma morniex noqghodu flimkien. Wara ftit anke dawn il-kuntatti waqfu u kulhadd beda jghix hajtu ghal rasu u*

[1] Fol. 18 tal-process.

*qtajna kull kuntatt*"[2]. L-attrici tghid li l-ahhar li rat lill-zewgha kien fl-2003.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Fl-ewwel lok tosserva li l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici, li tat id-depozizzjoni taghha viva voce quddiem din il-Qorti, ma gietx kontraddetta, u din il-Qorti ma tarax raguni ghCex m' ghandhiex taghtiha affidament.

Mill-provi jirrizulta car li dan kien zwieg ta' konvenjenza, u fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjC l-partijiet eskludew il-hajja konjugC, tant li ma kkoabitawx flimkien.

Ghalhekk f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-zewg partijiet il-*caput nullitatis* kontemplat f'paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat, stante li, ghalkemm il-partijiet esternament ghaddew minn cerimonja ta' zwieg, izda nternament u b' att pozittiv tal-volonta' taghhom eskludew l-obbligazzjonijiet essenjC ghaz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-14 ta' Mejju 2003.

Spejjez bla taxxa

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Fol. 18 tal-process.